# IL-GĦAR TA' SAN ĠWANN

F'dan il-Qari tkellimna aktar minn darba fuq ir-raħal ħelu ta' Għajn Karem, fejn twieled San Ġwann il-Għammiedi; imma fuq ix-Xori, fejn trabba, ftit bgħid minn dan ir-raħal, għad ma tkellimna qatt. Għal hekk ngħidu xi kelmtejn il-lum.

Dan ix-Xori qiegħed xi siegħa mixi bgħid minn Għajn Karem. Għedt *mixi* għax ma tistax tmur hemm bil-karozza, billi ma hemmx triq; jew bil-mixi jew riekeb fuq xi ħmar. F'dan ix-Xori hemm Għar, fi djul ta' ġebel, fuq ir-riħ ta' wied, fejn jingħad li Santa Liżabetta nħbiet b'San Ġwann tarbija, meta Erodi bagħat jiġbor is-



Dejr żgħir u Kappella fuq il-Għar fejn għadda torbitu S. Ġwann il-Għammiedi qalb il-blat u s-siġar u tiksir, fuq ir-riħ tal-Wied iż-Żrar.

subjien biex joqtolhom. Għandu jkun li l-biża' baqa' fuq in-nies sa wara li miet Erodi. U kif San Ġużepp inġabar Nazaret, hekk Santa Liżabetta baqgħet moħbija ġewwa dak il-Għar.

Jiena, lil dan il-Għar, f'dan ix-Xori, żortu xi ħamsa jew sitt darbiet. Darba mort hemm ma' Fra Elija, ajk Malti, mill-Mellieħa; darba morna ħafna ħbieb u darba mort ma' wieħed Fran-ġiskan minn Għajn Karem, u bqajna hemm sal-għada. Darba mort wassalt lil Sebastiano di Bella, wieħed żagħżugħ Sqalli, imrobbi l-Amerika, li kien ħabat iħoss moħħu u ħarab u ġie l-Palestina, u l-Franġiskani bagħtuh hemm għal heda, bit-tama li jfiq. U darba mort waħdi. Aktarx li mort xi darba oħra wkoll; għal hekk dik in-naħa nafha sew.

* * *

Meta titlaq minn Għajn Karem, tibqa' sejjer lejn il-Għarb, minn triq wegħra, kollha ħofor u ħotob tal-blat. Wara li tkun imxejt ftit, tara fuq ix-xellug qatgħa blat imdawwra b'ħajt baxx. F'nofs il-qatgħa hemm blata ftit ogħla mill-bqija, li fuqha jgħidu li kien joqgħod San Ġwann jgħallem lin-nies u jħajjarhom jagħmlu t-tewba.

Tibqa' sejjer u xi nofs triq issib ħajt għoli, qadim, iswed biż-żmien. Ma nafx x'kien, imma tajjeb biex toqgħod għad-dell tiegħu, bil-qegħda fuq ħaġ-ra, tpejjep sigarrett u tistrieħ ftit, kif ġie li għamilt jien. Dik in-naħa, it-trejqa kollha blat u ħofor u xewk u ħaġar. Meta kont ngħaddi minn hemm, kont nistħajjilni qiegħed fuq tal-Għolja, fit-trejqa li minn ħada San Lawrenz tiegħu għal Fuqqanija, għax tixbaħha sew. Imbagħad tibda nieżel niżla. Isfel, ġewwa bidu ta' wied hemm menqa żgħira bl-ilma ġie-

ri, imdawwra b'ħajt baxx qadim jgħidulha għajn il-Ħandaq. Dik id-darba li mort waħdi, fuq dak il-ħajt kien hemm mara xiħa, ta' xi ħamsin sena bil-qegħda fuq għarqbejha, qisha sejra ssalli. Il-Għarab jgħidu li l-għejjun tal-ilma fihom il-ħares. Billi qatt ma smajt li n-nisa Misilmin isallu bħarrġiel, daqqiet naħseb li dik il-mara kienet il-ħares ta' dik l-għajn. Jgħidu hemm li drabi ħada l-bjar tidher xebba mżejna, tomxot xuxitha. Imma jien mara xiħa rajt, liebsa bħal ċoqqa lewn iżraq, imħażżma, u fuq rasha kellha ħarqa, bajda silġ. Ma kellimtnix hi, u anqas kellimtha jien.

Kif titla' minn dak il-wied, tgħaddi min-nofs qatiegħ egħlieqi tad-dwieli, li hemm jgħidulhom *krum*. Id-dwieli ma jkunux imsarrġin fl-art, imma jkollhom taħthom tisqifa tal-qasab: erba' jew ħames qasbiet marbutin ras ma' ras, u kull dielja mqawqba fuq ittisqifa. Minn għalija, lejn Ħad-Dingli, hawn Malta, rajt bħalhom, meta darba mort hemm ma' parrini, kelli xi disa' snin. Minn fejn jibdew il-għelieqi tad-dwieli, jibda jidher ix-xori ta' San Ġwann, imdawwar b'ħajt għoli, fuq ix-xaqliba tal-ġebel li semmejt moqbejl. Timxi ftit ieħor u tasal u ssib quddiemek bieb tal-ħadid. Tħabbat u jiġi jiftaħlek ajk Franġiskan.

Meta tidħol ġewwa, ma ssibx, bans, xi ġnien. Xejn. Aktar hu xori ġewwa nkella barra, għax barra hemm l-egħlieqi tad-dwieli, imma ġewwa ma hemmx. Hemm mogħdija fin-nofs, u mal-lemin blat għoli, bil-ħaxix imdendel miegħu u xi sġajra u dan. U blat u tiksir in-naħa tax-xellug.

Imbagħad, wara li timxi ftit, issib dejr, żgħir u ġdid, tal-Franġiskani, bi statwa ta' San Ġwann, miżbugħa, fuq il-bieb. Quddiem id-dejr hemm kappella żgħira u ġdida wkoll, mibnija fuq il-Għar ta' San Ġwann.

Biex tara dan il-Għar, li huwa l-Maqdes ta' hemm, tinżel minn taraġ, bejn id-dejr u l-kappella. Taraġ qadim, bla ebda żina, imkaħħal mal-blat. Qabel jibda t-taraġ, hemm għajn tal-ilma ħiereġ igelgel mill-blat, taħt is-sies tad-Dejr. L-ilma jinħeba għal ftit u jarġa' jidher, nieżel bis-saħħa għal ġewwa menqa mdaqqsa. Minn ħdejn dik il-menqa l-Għar taraħ quddiemek; għal hekk, iddur mal-menqa, titla' x'erba' tarġiet u tidħol fil-Għar, maqtugħ fil-blat, taħt il-kappella, li semmejna fuq.

Il-Għar, ġewwa, m'hux kbir. Hekk, kemm joqogħdu fih ħmistax jew għoxrin ruħ. Il-Għar jidher li jew hu mħaffer min-nies, jew imsewwi, mhux magħmul mill-ħulqien. Fih tieqa għal fuq il-wied, in-naħa tal-lemin int u dieħel, u bi swiet il-bieb hemm bħal sodda tal-blat, li l-Franġiskani drabi jqaddsu fuqha bħal artal. Fuq ix-xellug ukoll hemm ħanek tal-blat, bi xbieha ta' San Ġwann fuqu, u quddiem ix-xbieha żewġ xemgħat.

Tgħid minnu li San Ġwann kien joqgħod ġewwa dan il-Għar? Xejn ma hu msemmi fuq dax-xori qabel isseklu Tnax, imma donnu li xi ħaġa hemm. Għax San Ġwann ix-xogħol tiegħu kien li jgħammed, u hawn tinsab dik l-għajn b'dik il-menqa bl-ilma li hi tajba wisq biex jitgħammdu nnies fiha ġisimhom kollu kif kien jgħammed San Ġwann, u kif baqgħu jagħmlu fl-ewwel żmenijiet. U tarġa', qiegħed imbiegħed ħafna mill-imgħammar, bħal ma jidher mill-Evanġelju li kien iħobb joqgħod San Ġwann.

Mela, hemm raġuni tajba li Santa Liżabetta ħarbet u qagħdet żmien f'dak il-Għar ma' binha ċkejken, u hemm raġuni wkoll li San Ġwann fi

rġulitu tħajjar jarġa' jmur iżur il-għar u n-naħa fejn kienet ħaditu u ħbietu ommu f'torbitu, u kif kien hemm in-nies semgħet bih u marret lejh, u f'dak il-Għar raġa' qagħad għal xi ftit żmien, jgħallimhom fuq il-miġja tat-ta jidher il-Bambin, ikunu mhejjijin. Messija u jħajjarhom għat-tewba u jgħammidhom f'dik il-menqa, biex me-

FRA ŻAKKARIJA, O.F.M.

# ABU-GOXX

Il-Palestina, meta tkun sejjer minn Ġerusalem għal Ġaffa, ftit fuq id-disa' mili bgħid minn Ġerusalem, max-xelluq tat-triq, hemm raħal ħelu manna. Fih qatiegħ djar żgħar tal-Għarab, qalb is-siġar, u ma' dwaru raba tajjeb, iħaddar is-sena kollha, għax dik in-naħa fiha l-ilma, ħaġa kbira f'dawk l-artijiet. Qrib it-triq jidher bini kbir u qadim, magħmul minn knisja u Dejr nofsu ħerba, li dari kien tal-Franġiskani, li wara s-sultan tat-Torok ħadulhom u m'ilux wisq tah lill-Benedittini Franċiżi, li sewwewh u kabbruh u marru jgħammru fih.

Dan ir-raħal, ismu sewwa huwa Kirjet il-Għeneb, imma minn xi mitt sena 'l hawn, jissemma l-aktar Abu-Goxx, li jfisser: *missier it-taqriq* (bil-Malti, bdiel *taqriq*, ġie li ngħidu kelma bħalha, imma l-G nibdluha mal-H). Dan l-isem ingħata lil dak ir-raħal, għax għal ħabta tal-aħħar snin tal-1700 u l-ewwel snin tal-1800, ir-rajjes, jew Muħtar tiegħu kien raġel mill-agħarr. Billi dan ir-raħal qiegħed għalieh waħdu fuq it-triq bejn Ġerusalem u Ġaffa, kull min jgħaddi minn hemm, il-Muħtar Mislem, Osman imlaqqam Abu-Goxx kien jaqbdu u jżommu u jġiegħlu jħallas talli għadda minn dik it-triq, bħal kieku kienet tiegħu. U jekk dak li jkun ma jkollux biex iħallas, kien ineżżgħu, jeħodlu ħwejġu, jagħtih xebgħa kurbaġ, imbagħad iħallih imur.

Jekk Abu-Goxx kien daqs hekk kiefer mal-Għarab Misilmin sħabu, aħseb u ara x'kien mal-Insara, u l-aktar mar-Rhieb Franġiskani, li dak iż-żmien ma kienx għad hemm ħliefhom il-Palestina. Il-Franġiskani, billi kienu jafu bih, kienu huma u ġejjin minn Ġaffa, jaraw kif jagħmlu u jgħaddu mill-ibrar u x-xori, għad li jtawwlu t-triq, biex nies Abu-Goxx ma jarawhomx. Imma kull meta kienu jintebħu bihom, kienu jaqbduhom, jorbtulhom idejhom warajhom, u jkarkruhom mill-kurdun lejn ir-raħal. Hemm kienu jwaqqfuhom fil-*ġrun* (jiġifieri fil-misraħ) u jiġbru r-raħal kollu, kbar u żgħar, u joqogħdu jgħaddu ż-żmien bihom, jagħtuhom bil-ħarta, inittfulhom ix-xagħar ta' lħithom, jobsqulhom f'wiċċhom, u wara li jixbgħu u jgħejjew, jew jidħol il-lejl, jaqfluhom ġewwa t-tabun (it-tabun ikun girna żgħira, li fiha jkun hemm donnu forn, li l-Għarab jaħmu l-ftajjar fih). Imbagħad jibgħatu lil xi raġel fosthom jgħarraf lill-Kustodju tal-Franġiskani f'Ġerusalem li Abu-Goxx għandu f'idejh xi rhieb minn tiegħu, u li kien bi ħsiebu joqtolhom jekk ma jibgħatx jifdihom sa tlett ijiem.

Hekk il-Kustodju kien jieħu miegħu xi rġiel u jmur ir-raħal ta' Abu-Goxx u jifdi lill-imsejkna rhieb, bi flus li drabi kien ikun issellifhom minn xi mkien. Imma kien ikun qisu dejjem għal xejn, għax ir-Rhieb, bejn bil-ġugħ ta' tlett ijiem, jew aktar, bejn bix-xbiegħi li jkunu qalgħu, u bejn bil-qatgħa li ħadu, kienu aktarx li jibqgħu jninu u jmutu wara ftit.